**Minuti ta' l-għoxrin laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali t'Għajnsielem li nżammet nhar il-Ħamis, 8 t'Ottubru 2009 fil-5 ta' wara nofs in-nhar.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Francis Cauchi** | **Sindku** |
| | **Stephen Mercieca** | **Vici Sindku** |
| | **Larry Buttigieg** | **Kunsillier** |
| | **Peter Caruana** | **Kunsillier** |
| | **Joe Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Anton Zammit** | **a/Seg. Eżekuttiv** |

**1. Talba**

**Is-Sindku qal it-talba.**

**2. Minuti**

**Il-minuti tal-laqgħa preċidenti ġew approvati.**

**3. Korrispondenza.**

**a. Waslet informazzjoni mingħand il-Ministru għal Għawdex dwar il-kors tal-Universita' tat-tielet eta li ser jibda nhar il-Gimgħa, 16 t'Ottubru.**

**b. Waslet informazzjoni mingħand id-dipartiment Gvern Lokali dwar is-sistema l-ġdida għall-ġbir ta' skart, Memo 57. Waslet ukoll ittra mingħand il-kumpanija KIP dwar jekk il-Kunsill hux lest li jħallas ukoll għal ġbir ta' skart minn stabilimenti kummercjali. Il-preżenti talbu lill-kumpanija l-ismijiet ta' restoranti li qed iħallsu għal ġbir tal-iskart tagħhom kif ukoll jistennew d-direttiva minn ghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fuq dan il-punt.**

**c. Il-Kunsill ġie nfurmat mingħand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali bil-laqgha għas-Sindki u Vici Sindki li ser tinżamm nhar is 6 u s-7 ta' Novembru fil-Baystreet Hotel Complex San Ġiljan.**

**d. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Segretarju l-ġdid t'Għajnsielem F.C. huwa s-Sur Eric Mercieca.**

**e. B'cirkulari Nru. 53/09 il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Kunsill ser jibda jiftaħ ukoll nhar ta' Sibt mis-17 t'Ottubru li ġej bejn it-8.00 u l-11.30 ta' fil-ghodu.**

**f. Is-Segretarju ppreżenta listi ta' kotba li minnhom jistgħu jinxtraw kotba għal-librerija tal-lokal. Il-preżenti qablu li għandhom jinxtraw parti minn dawn il-kotba.**

**ġ. Waslet informazzjoni mingħand l-għaqda *Imperial Gozo Yacht Club* dwar l-iżvilupp fl-area taż-Żewwieqa.**

**ħ. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u sport fejn nieda l-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Huwa ħeġġeġ liż-zgħazagħ kollha biex jippartecipaw. Il-Kunsill qabel li jinfurmaw liż-żgħażagħ tal-lokalita'.**

i. Id-Dipartiment għal Gvern Lokali ħeġġeġ lill-Kunsilli biex l-attivitajient li jsiru fil-lokalitajiet tagħhom jgħadduhom għal programm fl-Education 22 u TVM.

j. l-Aġenzija tal-Programmi ta' l-Unjoni Ewropea m'aċċettax it-talba tal-Kunsill biex tgħin finanzjarjament il-bini ta' presepju ħaj li jsir fuq ta' Passi peress li l-fondi huma vvutati għall-attivitajiet li jsiru bejn l-ewwel ta' Diċembru u l-aħħar t'April.

k. Dan il-Kunsill ġie infurmat mill-Uffiċċju tal-Gvern Lokali li ġie magħżul biex jinghata l-għajnuna finanzjarja mill-iskema Aċċessibilita' aħjar fil-lokalitajiet. Din l-għajnuna hija allokata biex tagħmel tajjeb ghax-xiri ta' lift għall-ufiċċini l-ġodda ta' dan il-Kunsill.

l. Waslet talba mingħand Dr. Angele Formosa f'isem il-Kumitat Kongunt t'Għawdex biex fejn l-uffiċċini tal-Gozo Channel fl-Imġarr isiru żewġ sinjali sofor fin-nofs biex jiġi regolarizżżat il-parking f'dik iż-żona. Ma kienx hemm ebda oġġezzjoni.

m. Il-Kunsill, qabel li ghandu jorganizza tournament tal-football ghan-nursery fil-club tal-footbal kif ukoll tournament tal-bocci fl-istess club. Il-preżenti qablu li ghandom jivvutaw is-somma ta' 500 euro u 100 euro ghal dawn it-tournaments. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jerggha jorganizza kampjonat ta' li-snooker fil-club tas-snooker u jivvota s-somma ta' 250 euro ghal dan l-kampjonat.

n. Is-Sindku nforma lill-sħabu li hu u s-Sur Peter Caruana attendew għal-hearing fl-Ufficcju tal-MEPA dwar it-tiġrif tal-lukanda Mgarr biex flokha jinbnew apartmenti. IL-Kunsill kien mistieden biex jattendi għal din il-laqgha biex jaghti l-kummenti tieghu fuq din l-applikazzjoni hekk importanti. Is-Sindku qal li kien hemm zewg applikazzjonijiet fuq dan il-progett. Wahda kienet PC36/09 biex jitnehha l-ischeme u t-triq issir pedestrali, u l-ohra PA3087/06 li kienet it-twaqqieh tal-lukanda ezistenti u jinbnew appartament minflokha. Rigward l-ewwel applikazjoni kemm is-Sindku kif ukoll s-sur Peter Caruana taw il-vizjoni taghhom wara li gew spjegati minn ufficcjali tal-Mepa fiex tikkonsisti din l-applikazzjoni. Peress li n-nies ta' madwar u li jmissu mal-propjeta tal-lukanda taw il-kunsens taghhom biex jitnehha lis-scheme u setghu ukoll jifthu aperturi fuq il-propjeta tal-progett il-gdid, kemm is-Sindku kif ukoll s-sur Caruana ma sabu l-ebda diffikulta li jsir dan basta jibqa l-access ezistenti minn Triq iz-Zewwieqa sal-parti li tiehdok fl-ghelieqi il-gewwa mil-lukanda. It-tieni applikazzjoni li kienet tikkonsisti fit-twaqqieh tal-lukanda u l-bini ta' l-appartamenti, s-Sindku qal li wara li saret il-prezentazjoni tal-progett minn ufficcjal tal-MEPA hu gie mistieden biex jaghti l-kummenti tieghu f'isem il-Kunsill. Hu qal li kif kien ser jitwettaq il-progett dan kien ser ikun hafna ahjar minn kif kienet mibnija l-lukanda u minn kif propost mill-applikant, specjalment mil-lat ta' vizjoni mil-port ta' l-Mgarr. Hu qal li minn progett ta' 102 appartament, l-MEPA naqset dan l-ammont ghal 41 appartament biex jinbnew. Hu qal li l-gholi ma kienx ser jaqbez dak ezistenti u li l-kundizjonijiet li l-Kunsill impona fuq is-sidien, kollha gew imdahhla fil-kundizzjonijiet tal-permess. Hu enfazizza hafna mal-board tal-MEPA biex l-access li kien hemm, specjalment ta' hdejn is-swimming pool ghandu jibqa sabiex il-publiku jibqalu d-dritt li jghaddi ghall go l-ghelieqi l-gewwa li jigu faccata tal-port ta' l–Mgarr. Is-Sindku qal li l-

MEPA board kif ukoll is-sidien ta' dan il-progett qablu ma dan is-suggeriment tas-Sindku li dan ghandu jitnizzel fil-kundizzjonijiet tal-permess. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jinghata s-somma ta' 40450 euro mill-applikant bhala planning gain u dan ghandu jinghata hekk kif johrog il-permess. Is-Sindku qal ukoll li l-MEPA ser tahtar management board biex flimkien mal-Kunsill ikun jista jimmonotora spiss ix-xoghol fuq il-post. Il-proprjetarji għandhom ħafna kundizzjonijiet li jridu jirrispettawhom u kien ser ikun hemm penali kbar għal xi ksur tagħhom. Is-sindku qal li kien ta' sodisfazzjoni għal Kunsill li l-kundizzjonijiet li kienu sottomessi minnu ġew kollha inkluzi fil-permess. Il-MEPA Board qabel unanimament ma dawn iz-zewg applikazzjonijiet.

o. Ricentament qal is-Sindku, kienet saret laqgħa bejn is-Sindki kollha t' Għawdex mal-Gozo Tourism Association fejn din kienet hadet hafna ritratti ta' certu skart li kien ikkomola maz-zmien f'certu areas fil-villaggi. Dan kien qed ikerrah il-kampanja Ghawdxija. Il-G.T.A flimkien mas-Sindki prezenti qablu li jahdmu flimkien biex ikun jista jitnehha dan il-materjal biex tinghata dehra gdida u ferm isbah lill-Gzira Ghawdxija. B'hekk kulhadd ikun jista jibda jgawdi l-kampanja Ghawdxija u naghmlu riklam tajjeb ghat-turizmu f'Ghawdex. Gie deciz li l-G.T.A. tibghat dawn ir-ritratti lill-kull Kunsill sabiex ikun jista jibda t-tindif.

4. Bethelhem f'Għajnsielem

Għal din l-item attenda l-Onor. Chris Said Segretarju Parlamentari ghal-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, peress li kien qed jaghmila ta medjatur fil-kwistjoni bejn is-sidien li qed ihallsu l-qbiela ta' l-art Ta' Passi u l-Kunsill t'Għajnsielem. L-Onor Chris Said ġie mistieden mil-Kunsill biex jattendi din il-laqgha hekk delikata u urgenti biex jerġa jinbena il-presepju ħaj li kien tant suċċess is-sena l-oħra. Fetaħ id-diskussjoni l-Onor Chris Said fejn qal li meta hu kien kellem lill inkwelin ghal ijed min darba deher li kien ser ikun hemm qbil, iżda jumejn wara s-Sindku kien infurmah li l-Kunsill kien ircieva ittra registrata f'isem il-familja koncernata fil-kwestjoni biex il-Kunsill iwaqqaf ix-xoghol ghax ma kellux permess jaghml dan ghax huma kienu qed ihallsu l-qbiela fuq din l-art. Dr. Said qal li issa l-affarijiet kienu tbiddlu meta l-ewwel kien jidher li kien ser jinholoq kompromess imbaghad il-Kunsill jircievi ittra ta' protesta minn ghand l-avukat tal-parti opposta. Dr. Chris Said qal li l-ahjar soluzzjoni issa kienet li l-Kunsill jiltaqa ma' l-avukat u l-familjari inkwestjoni fil-Kunsill fejn hu stess ikun prezenti ghal din laghqa biex ikun jista jintlahaq kompromess u b'hekk din l-attivita ta' Betlehem f'Ghajnsielem terghha tittella f'ta' Passi minghajr ma' ssir hsara lill-hadd. Għal din il-laqgħa attenda ukoll is-Sur Franco Ciangura. Dan qal li kien ċempel bosta drabi lill kerrej preżenti ta' din l-art, iżda qatt ma ha tweġiba, pero gurnata qabel l-kerrej kien cempillu fejn qallu li kienu lesti li jitaghqu mal-Kunsill flimkien ma l-avukat taghhom l-ghada. Is-sur Ciangura informa lis-Sindku b'dan u sar ftehim biex issir din il-laghqa l-ghada. Is-sur Ciangura kompla jghid li l-ghada kienet cemplitlu omm il-kerrej li l-laghqa kella tithassar ghax l-avukat taghhom kien ser isiefer. Sar ftehim illi meta jirritorna l-avukat issir l-laghqa kif proposta biex tittiehed decizjoni immedjatament peress li z-zmien ma kienx jippermetti izjed jekk isirx il-progett jew le. Is-Sindku informa b'dan kollu lill Dr. Chris Said. Dr. Chris Said qal li hu jhossu fiducjuz li jintlahaq xi tip ta' kompromess meta ssir il-laghqa bejn kullhadd.

5. Il-Kuntratt tal-Knis.

Peres li kien ser jaghlaq il-kuntratt tal-knis, il-Kunsill haseb biex jerggha johrog it-tenders ghat-3 snin li gejjijn. Il-preżenti dehru li ma humiex sodisfatti bl-indafa tal-lokal fil-prezent. Iż-żewġ kenniesa mhux qed jilħqu l-kriterji meħtieġa biex il-lokal ikun nadif kif rikjest. Il-Kunsill qabel li ghandhom jiddahhlu aktar kundizzjonijiet iebsa sabiex dan il-kuntratt jigi mwettaq kif suppost. Fost il-kundizzjonijiet li ghandhom jigu nkluzi mal-kundizzjonijiet ezistenti gie deciz li min jiehu l-offerta irid jibda jilbes l-gakketta. Irid jirrispetta l-ħinijiet u l-granet tax-xogħol skond kif elenkati fil-kundizzjonijiet mill-Kunsill. Irid minn gurnata qabel jinforma lill-Kunsill min se ikun il-bniedem li ser jidhol ghax-xoghol flok il-kuntrattur f'kaz li dan ma jkunx jista jmur ghax-xoghol ghal xi raguni valida. Il-Kunsil kien ser jibda jwahhal il-multa lill-kuntrattur f'kaz li dan jikser dawn il-kundizjonijiet flimkien ma l-ohrajn li jkun hemm mal-kuntratt..

6. Self ta' flus għal bini ta' Ċentru Ċiviku.

Il-preżenti qablu li toħroġ quotation fost il-banek kummerċjail kollha residenti f'Għawdex u jiġu nfurmati bil-ħsieb li għandu l-Kunsill dwar il-possibilita ta' self mil-bank ghal bini tac-Cenrtu Civiku.

7. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

Is-Segretarju informa lill preżenti li mill-Uffiċċju ta' l-E.T.C. waslu tliet ismijiet ta' persuni biex jiġu ntervistati biex wieħed minnhom jimla l-post ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill għazel lis-Sinjorina Pauline Grech u lis-Sur Frank Tabone biex jassessjaw l-applikazzjonijiet qabel ma jkun jista jsir l-interview.

8. Materji oħra.

Tas-Sur Stephen Mercieca.

a. Dan ilmenta dwar in-nuqqas ta' bus shelters fil-lokalita t'Għajnsielem. Is-Segretarju wieġeb li din il-problema kien tkellem fuqha sew mas-Sur Nicky Degiorgio kif ukoll ma l-Assoc. Kunsilli Lokali f'Mejju li ghadda. S'issa ghadna m'rcivejniex tweġiba. Il-prezenti qablu li jintbagħat reminder lill Assocjazzjoni.

i. Dan ġibed l-attenzjoni ukoll dwar iż-żrar u trab li qed joħrog mit-triq li tiżbokka fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li ssir road hump biex jiġl evitat kull inkonvinjent lill pubbliku.

ii. Dan talab ukoll li jsir speci ta' railing mal-bankina quddiem is-sorijiet Agostinjani biex il-vetturi l-kbar ma jkissrux iżjed il-bankina ta' quddiem il-kunvent. Il-Kunsill qabel li jitwaħħal ma dan.

b. Tas-Sur Peter Caruana.

i. Is-Sinjur informa lill-Kunsill li waqa' ħajt fl-area ta' Bordin. Mhux magħruf jekk dan hux tal-privat jew tal-Gvern. Is-Sindku għandu jindaga dwaru.

ii. Issuġerixxa ukoll li l-Kunsill għandu joħroġ press release dwar il-pjażża centrali tar-raħal. Is-Sindku wieġeb li fi żmien qasir il-Kunsill ser joħroġ leaflet bl-informazzjoni ta' xoghol li ser jibda jwettaq il-Kunsill fejn fost l-ohrajn ser isir rapport fuq dawn il-progetti.

Is-Servizzi li joffri l-Kunsill lir-residenti Ghajnselmiżi
It-toroq li ser jiġu asfaltati
Il-proġetti ta' l-għajn tal-Ħasselin ta' l-Arkata u tac-Centru Civiku.
Il-proġetti li ser isiru mill-fondi ta' l-Urban Improvement tal-MEPA.
Informazzjoni dwar il-presepju 'Betlehem f'Ghajnsielem.
Lista ta' telephones urġenti.

Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill ghandu wkoll jaghmel rapport fuq dan il-leaflet fejn jispjega ta' kif zvolgiet il-kwestjoni tal-progett tal-Pjazza. B'hekk il-poplu Ghajnselmiz ikollu stampa cara ta' kif graw l-affarijiet u jinqata darba ghal-dejjem certu diskors li kien qed jaghmel hafna hsara sew lill-Kunsill kif ukoll lill komunitajiet ohra fir-rahal. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.

c. Is-Sindku informa lill sħabu li hu kien indaga biex sab ta' min hu l-ħajt fi Triq il-Ġnien li qed fil-periklu li jaqa'. Dan instab u ġie mwissi mis-Sindku dwar il-perikolu eżistenti. Dan il-proprjetarju żvela li hemm tnejn ohra responsabbli minn dan il-ħajt. Wara li dan ħalla l-ismijiet tagħhom fl-ufficcju tal-Kunsill dawn ġew infurmati b'din il-problema mill-pulizija ukoll. Is-Sindku qal li wiehed mis-sidien infurmah ghan nom ta' l-ohrajn li kien ser jibda x-xoghol fuq il-hajt fi ftit granet ohra.

d. Mistoqsijiet tas-Sur Joe Camilleri

i. Ghala l-plakka bl-isem tat-triq ġdida ħdejn il-kunvent tal-parijiet li l-Kunsill kien taha isem ta' - Patri Anton Maria Cesal OFM għadha ma twaħħlitx f'postha.
Tweġiba: L-isem għadu ma deherx fil-gazzetta tal-Gvern.

ii. Dwar it-tneħħija jew tiswija tal-Merry Go Round fil-playing field Amabile, Cauchi ser jiġl nfurmat is-Sur EdwinCiantar.

iii. Dwar road calmers fi Triq Merkanti, il-Kunsil għadu ma rċieva ebda tweġiba.

iv. Perikolu f-arblu tad-dawl fi Triq Mgarr kantuniera ma Triq Imrejżbiet. L-Engineer tad-dawl u l-Ministeru għal Għawdex huma infurmati b'dan l-inkonvinjent.

v. Il-ħaddiema tal-Kunsill ġew miżmuma milli jaghmlu sinjali sofor fi Triq Cordina kantuniera ma Triq ix-Xatt l-Aħmar mis-sid tal-post fejn kienu ser jinzebghu.

vi Road calmer fi Triq Cordina ser titqaxxar meta l-kuntrattur jibda l-asfaltar fit-toroq f'Għajnsielem.

vii Inkitbu reminders lill Ministru għal Għawdex dwar it-tneħħija tal-Pelikan lights ta' ħdejn il-Gozo Heritage u jitpoġġew fi Triq Imġarr quddiem Triq Għajnsielem u Triq Cordina.

viii Ġbidna l-attenzjoni tal-Ministru għal Għawdex dwar it-tkomplija ta' Triq Cordina biex tinkesa bit-tarmac.

ix. L-appuntament biex uffiċċjali ta' l-Enemalta jiġu jitkellmu mal-Kunsill isir minn Malta stess u l-Kunsill jiġl nfurmat mill-uffiċċjal li ser ikun ser jakkumpanja lill-Engineer t'Għawdex ftit granet qabel. Is-sur Camilleri kien ser jigi infurmat.

x. Is-Sur Camilleri issuġerixxa biex il-Kunsill jitlob lill-Kumpanija tal-Waste Serv Ltd. biex din tkompli għaddejja bit-tabelli ta' formazzjoni minn hdejn ic-cimiterju il-fuq sar roundabout tal-Heliport għall-kumdita' tal-pubbliku fejn il-pubbliku għandu jiddisponi mill-iskart goff fl-impjant il-ġdid li nbena x-Xewkija.

xi Speed Camera. Is-Sindku wieġbu li hu kien tkellem kemm il-darba lill uffiċċjali tal-Kumitat Kongunt biex tiġi stallata CCTV fi Triq Mgarr. Semma ukoll bl-aħħar inċident fatali li seħħ f'din it-triq. Ir-raprezentant tal-Kumitat Kongunt, Is-Sur David Soler qal fil-laqgħa li ser jagħmel mill-aħjar biex tiġi pprovduta camera mill-iktar fis-possibbli. Gie deciz li sa kemm titwahhal il-camera il-wardens jaghmlu r-ronda taghhom aktar spiss matul il-jum f'din il-parti tat-triq.

xii. Is-Sur Camilleri staqsa dwar il-kuntratt il-ġdid għal ġbir ta' skart domestiku. Is-Sindku rrisponda li bħalissa għaddejjin taħdidiet bejn it-tliet Kunsilli, jiġifieri dak t'Għajnsielem, Nadur u Qala biex tohrog tender wahda bejniethom u qed jistennew li jinghataw struzzjonijiet mid-Dipatrtiment biex johorgu t-tenders.

e. Is-Sindku qal li l-Kunsill kiteb lill-Dr. Chris Said biex jinghata fondi mill-Special Funds ghat-triq li taghti ghal-bajja tax-Xatt L-Ahmar sal-parking area kif ukoll ghal Triq il-Brieghen. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill kiteb ukoll lill-Ministru ghal Ghawdex biex it-triq li taghti minn hdejn ic-cimiterju t'Ghajnsielem sal-Heliport tinghata t-tarmac peress li din hi l-unika alternattiva ghal Triq l-Mgarr meta din tkun maghluqa.

Hawn infethu l-offerti għal bini ta' Civic Centre.
Dawn kienu:

Raymond Gatt għal prezz ta' Euro 76,235
John Farrugia ghal prezz ta' Euro 78532.35
Raymond Vella ghal prezz ta' Euro 74661.25

Dawn l-offerti għaddew lill perit tal-Kunsill għal veduti tiegħu.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 5 ta' Novembru 2009.

Il-laqgħa ntemmet fid-9 ta' filgħaxija.

Francis Cauchi
Sindku

Anton Zammit
a/Segretarju Eżekuttiv